32005D0945

24.12.2005 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA L 342/99

# DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

## tat-23 ta' Diċembru 2005

## dwar l-issoktar fis-sena 2006 ta' provi u testijiet komparattivi tal-Komunità fuq materjal ta' propagazzjoni ta' Paeonia spp. u ta' Geranium spp. skond id-Direttiva tal-Kunsill 98/56/KE li ngħataw bidu fl-2005

(2005/945/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 98/56/KE ta' l-20 ta' Lulju 1998 dwar il-*marketing* tal-materjali tal-propagazzjoni tal-pjanti ornamentali ([1]),

Wara li kkunsidrat id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2005/2/KE tas-27 ta' Diċembru 2004 li tistabbilixxi l-arranġamenti għall-provi u għat-testijiet komparattivi tal-Komunità fuq materjal ta' propagazzjoni ta' ċerti speċi skond id-Direttiva tal-Kunsill 98/56/KE ([2]) għas-snin 2005 u 2006, partikolarment l-Artikolu 3 tagħha,

Billi:

(1) Id-Deċiżjoni 2005/2/KE tistabbilixxi l-arranġamenti għall-provi u għat-testijiet komparattivi li għandhom jitwettqu skond id-Direttiva 98/56/KE dwar *Paeonia* spp. u *Geranium* spp. għall-2005 u għall-2006.

(2) It-testijiet u l-provi mwettqa fl-2005 għandhom jissoktaw fl-2006,

IDDEĊIEDIET KIF ĠEJ:

*Artikolu uniku*

Il-provi u t-testijiet komparattivi tal-Komunità mibdija fl-2005 fuq materjal ta' propagazzjoni tal-*Paeonia* spp. u tal-*Geranium* spp. għandhom jissoktaw fl-2006 skond id-Deċiżjoni 2005/2/KE.

Magħmul fi Brussell, nhar it-23 ta' Diċembru 2005.

*Għall-Kummissjoni*
Markos KYPRIANOU
*Membru tal-Kummissjoni*

([1]) ĠU L 226, 13.8.1998, p. 16. Direttiva kif l-aħħar emendata bid-Direttiva 2003/61/KE (ĠU L 165, 3.7.2003, p. 23).
([2]) ĠU L 1, 4.1.2005, p. 12.